# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 1107

KAZ NRU. 1342

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Simon Grech

u

Fire Tech Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data:.12 ta' April, 2000

**Chairman : Is-Sur Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 13 ta' Mejju 1999 b'riferenza MSP/TI/44/99 biex dan it-Tribunal jiddecidi dwar tkeccija allegata ingusta skond l-Artikolu 28(2) tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) tal-Ligijiet ta' Malta u dana wara ittra mibghuta lill-Onorevoli Vici Prim Ministru f'isem Simon Grech li iggib id-data tal-10 ta' Mejju 1999.

L-Appellant Simon Grech kien assistit mis-Sur Joe Morana Segretarju tat-Taqsima Manifattura, Servizzi u Haddiema Alleati tal-Union Haddiema Maghqudin u l-Kumpanijja Appellata, Fire Tech Ltd., kienet rapprezentata mis-Godfrey Attard assistit mill-Avukat Dr Andrew Borg Cardona.

Minkejja li c-Chairman ghamel is-solitu appell ghal ftehim bejn iz-zewg partijiet dana ma intlahaqx.

It-Tribunal zamm 9 seduti.

## 2. Fatti tal-kaz

L-Appellant gie licenzjat fis-26 ta' April 1999 ghaliex irrifjuta li jiffirma kuntratt tax-xoghol rivedut. Dana wara trattattivi li saru mal-Principal tieghu dwar l-imsemmi kuntratt.

Il-Kumpanijja Appellata tirritjeni li l-Appellant irrifjuta kull attentat biex jaslu ghal arrangamenti sodisfacenti dwar ftehim gdid u ghaldaqstant kellha tillicenzjah.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

Dana ma kienx kaz ta' tkeccija sommarja minhabba xi nuqqas jew infrazzjoni da parti tal-Appellant.

Kien licenzjament frott ta' deliberazzjoni pjuttost twila u bhala rizultat ta' hekk imsejha "negozjati" bejn iz-zewg partijiet.

Jispikkaw fil-kaz il-konsiderazzjonijiet segwenti:

(a) Il-kuntratt tax-xoghol huwa assolut u ma jista jinbidel qatt?
(b) It-tmexxija ta' kumpanijja f'idejn min qieghdha ?

Risposta ghal dawn id-domandi tista titfa dawl fuq soluzzjoni ekwa tal-kaz in ezami.

Il-kuntratt ta' xoghol jirregola r-relazzjoni bejn iz-zewg partijiet – il-principal u l-impjegat.Generalment ikun kuntratt miftihem volontarjament bejn iz-zewg partijiet u ffirmat (jekk ikun miktub) liberament. Jibqa jorbot sakemm jiskadi jew jintemm ghal xi raguni valida.

Izda fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal kuntratt jorbot izda mhux assolut. Jista jinqala' kaz fejn jinhtieg xi tibdil. Per ezempju jekk jirrizulta carament li hemm xi telf ghal xi parti jew l-ohra jista jaghti l-kaz li jsir xi tibdil. Ghaliex l-ebda parti ma hi tenuta li ggarrab telf. Dana t-tibdil irid possibilment isir wara trattattivi ragonevoli bejn il-partijiet u mhux jigi mpost b'mod arbitrarju unilateralment.

Fil-kaz in ezami irrizulta li l-Kumpanijja Appellata f'certi kazi meta tinghata lill-Appellant il-*commission* fuq il-bejgh ma kienetx tkopri l-ispejjes. L-istess interpretazzjoni tal-*commission*,

voldieri hlas ta' 5%, kienet tirrizulta f'telf peress li certu bejgh kien qed isir fid-diskrezzjoni tal-Appellant. Dana kien stqarr ukoll quddiem tliet xhieda, izda michuda minnu, illi ma kienx jinteressah x'inhuma l-problemi tal-Kumpanijja ghax kien jinteressah biss dak li jaqla' huwa.

Taht dawn ic-cirkostanzi kienet gustifikata l-Kumpanijja Appellata li tipprova tbiddel il-kuntratt ma' l- Appellant ?

Fl-opinjoni tat-Tribunal kien hemm gustifikazzjoni. Il-Kumpanijja Appellata mxiet tajjeb meta fethet djalogu mall-Appellant u mhux imponietlu kundizzjonijiet godda. It-tibdil kien jikkonsisti filli ssettjawlu kwota ta' bejgh u bidlu s-sistema ta' *commission* biex jorbtuh b'certi kriterji u partikolarment biex jassiguraw irwiehom illi l-ispejjes konnessi mall-paga u *fringe benefits* jigu almenu rkuprati. Bil-formula l-gdida l-Appellant kellu l-possibilta' ukoll li jekk izid il-bejgh seta' forsi jaqbad *commission* ikbar.

Il-fatt li l-Kumpanijja Appellata fethet dawn in-negozjati juri li l-affarijiet saru b'mod civili u rett. Hija kellha tiehu decizjoni finali wara li fallew dawn it-trattattivi. Izda mhux qabel ma l-Appellant kien imwissi li kien hemm fin-nofs il-post tax-xoghol tieghu. It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-Appellant inghata zmien mhux biss biex jikkunsidra l-alternattiva izda kellu zmien bizzejjed biex jiehu l-pariri necessarji, haga li ammetta huwa ukoll.

Dana jwassal ghat-tieni domanda li alluda ghaliha iktar qabel it-Tribunal dwar it-tmexxija ta' kumpanijja.

M'hemm l-ebda dubju li fuq l-ispallejn tal-Management taqa' r-responsabbilta tat-tmexxija ta' kumpanijja. Dana irid s'intendi jsir b'mod ekwu u mighajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-impjegati.

Fil-kaz in ezami l-Kumpanijja Appellata kellha d-dritt, anzi l-obbligu li tissalvagwardja d-dhul biex izzomm shiha l-integrita' u l-istabbilita' finanzjarja taghha. Dana l-obbligu qatt ma seta' jigi sostitwit minn xi pretensjoni tal-Appellant jew iktar u iktar minn agir arroganti tieghu.

L-Appellant ippretenda: li jaghmel biss dak li hu konvenjenti ghalih (skond ix-xhud Simon Camilleri), li jibqa jaghmel xoghol li deherlu li ghandu jaghmel hu (skond ix-xhud Godfrey Attard), li jirrifjuta x-xoghol li jghidlu l-management (skond ix-xhud Godfrey Attard), li ried li jiddecidi hu u mhux il-Kumpanijja dwar xi jbegh (skond ix-xhud Martin Bugeja).

Dana kollu jindika li l-Appellant bl-agir tieghu mhux biss ma kienx flessibbli bizzejjed biex jaccetta sitwazzjoni li giet spjegatha lilu b'mod ragonevoli izda webbes rasu u b'rigidita' kbira stahba wara l-kuntratt li kellu biex jipperpetwa l-*istatus quo*.

## 4. Decizjoni

Ghall-dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jiddecidi billi jsib li l-Appellant gie licenzjat ghal raguni valida u gusta.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

## 5. Drittijiet

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali nru. 48 tal-1986 it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta'min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini

Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja